SAN GUZEPP, IL-GWARDJAN LI KIEN JAFDA LIL ALLA

MILL-ISQOF ANTOINE CHARBEL TARABAY



"Guzeppi qum u la tiddubitax aktar..." Dawn il-kliem mill-liturgija Maronita mehuda mill-innu Qolo kantat il-Hadd tar-Rivelazzjoni lil Guzeppi, jistednuna nikkontemplaw il-kobor bla hsejjes ta' San Guzepp. Ifakkruna li Guzeppi kien ragel li sema' lil Alla, kien jafda fil-kelma tieghu, u kien jagixxi b'kuragg.

Ahna ispirati mill-virtujiet ta' San Guzepp. Nharsu lejn l-Evangelji biex nitghallmu dwaru: kif Guzeppi kien ragel gust; kemm inkwieta meta skopra li Marija kienet tqila; konsegwenza ta’ hekk iddecieda li ma jixlijiex u jitlaqha baxx baxx. Kien ghadu ma fehemx il-misteru quddiemu. Imma meta l-anglu deherlu u qallu biex ma jibzax, u biex jiehu lil Marija bhala martu

minhabba t-tarbija mirakoluza li kienet qed iggorr, Guzeppi gabar il-kuragg tieghu u obda.

L-Evangelju jghidilna li mbaghad flimkien ma' Marija mar Betlem biex it-tnejn jirregistraw ruhhom bhala dixxendenti ta' David. Meta l-hajja tat-tifel kienet mhedda, hadhom it-tnejn fl-Egittu skont l-ordni ta' l-anglu biex jaharbu mill-qilla ta' Erodi li riedu joqtol lit-tarbija. Wara, meta anglu habbarlu l-mewt ta' Erodi, gab lura lill-Familja Qaddisa lejn l-art ta' Izrael.

Nafu wkoll li San Guzepp wettaq id-dmirijiet kollha ta' missier tajjeb. Hu ha lill-familja tieghu Gerusalemm ghall-festi, u naraw it-thassib tieghu meta hu u Marija ndunaw li t-tfajjel Gesu' kien nieqes wara jum mixi. San Luqa jirregistra l-kliem ta' Marija: "Ibni, ghaliex trattajtna hekk? Ara, jien u missierek ilna nfittxuk b'ansjetà." (Luqa 2:48)

San Guzepp ukoll qasam dan l-inkwiet ma' martu Marija. Madankollu kien hemm ukoll kunfidenza aktar profonda fil-qalb tieghu, fiducja kwieta li ghalkemm kellu jaghmel kollox biex isib lit-tifel li kien fdalu, fl-ahhar mill-ahhar il-provvidenza ta' Alla kienet se tmexxihom.

Ghalhekk nies ordinarji bhalna jistghu jikbru fil-fidi billi jsegwu l-ezempju ta' San Guzepp. Fl-ahhar snin hafna parrocci rinnovaw id-devozzjoni taghhom lejh, u jibqa' tajjeb, anke mehtieg, li niftakru f' San Guzepp u nitolbu l-intercessjoni tieghu fil-hajja ta' kuljum taghna.

Id-dinja taghna qed tghaddi minn mumenti ta' incertezza u diffikultajiet. Bhalma San Guzepp darba kellu jahrab

mal-Familja Qaddisa lejn l-Egittu biex jipprotegihom, hafna familji llum jesperjenzaw forom taghhom stess ta' spostament, biza' u instabbiltà. Gwerer, persekuzzjoni u turbolenza socjali ghadhom jaffettwaw numru kbir ta' nies madwar id-dinja. Madankollu, permezz tal-fidi nergghu nitghallmu li Alla jibqa' qrib minna anke fil-mumenti l-aktar difficli.

Spiss huwa meta l-hajja tkun l-iktar difficli li nifhmu b'mod profond kemm ghandna bzonn lil Alla, li wahdu ghandu l-poter li jibdel hajjitna u jbieghedilna l-biza' u d-dubji taghna.

Il-hajja ta' San Guzepp tghallimna li l-fiducja f'Alla ma tnehhix id-diffikultajiet, izda taghtina s-sahha biex niffaccjawhom bil-fidi. Guzeppi ma kienx jaf minn qabel it-triq li kien hemm quddiemu: il-misteru ta' l-Inkarnazzjoni, il-vjagg lejn Betlem, il-harba lejn l-Egittu, u s-snin mohbija f'Nazareth. Madankollu, f'kull mument kien jafda f'Alla.

Ejjew qatt ma nieqfu nfittxu l-intercessjoni ta' San Guzepp. Nitolbuh biex jibqa' dejjem qrib taghna, jiggwidanna fit-triq tal-fidi taghna, u jwassalna ghall-Familja Qaddisa, lejn it-Tifel u l-Omm li habb u pprotega b'devozzjoni leali.